Minuti tad-59 (disgħa u ħamsin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.40p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

L-Aġent Segretarju Ezekuttiv is-sur Joseph Farrugia

Il-Viċi-sindku s-Sur Anthony Borġ daħal fil-kamra fis-5.50p.m.

## 1. Talba

1.1 Il-laqħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Fil-bidu tal laqgħa, il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk tistax issir l-laqgħa minħabba li l-minuti ma kinux lesti u s-Sindku informa li skond id-Dipartiment nistgħu inkomplu imexxu. L-Aġent Segretarju informa lill-Kunsill li għal din il-laqgħa kellhom jiġu l-eks Segretarji Eżekuttivi is-Sur Karl Vella u s-Sur Joe Xiberras biex jippreżentaw il-Minuti tal-Laqgħat li kienu għadhom ma ġewx ippreżentati lill-Kunsill biex jiġu approvati. Il-Kunsill kien infurmat illi s-Sur Karl Vella kellu jippreżenta tlett Minuti ta' Laqgħat u wara s-Sur Joe Xiberras kellu jippreżenta l-erba' Minuti ta' Laqgħat li saru fi żmienu u li ma setgħux jiġu ppreżentati qabel jiġu approvati dawk tas-Sur Karl Vella. Is-Sur Joe Xiberras kien preżenti kif bdiet il-Laqgħa iżda peress li s-Sur Karl Vella kien għadu ma ġiex, il-Kunsill iddeċieda li għandha tibda l-laqgħa u x'ħin jiġi s-Sur Karl Vella, jiġu ppreżentati l-Minuti dak il-ħin. Is-Sindku nforma li ntbagħtet email lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar xogħol pendenti li kien għadu mhux lest minn tas-Sur Karl Vella biex jingħata direzzjoni. Din l-email kienet tindkludi il-Minuti Pendenti tal-Laqgħat tal-Kunsill ta' nhar it-12


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ta'Awwissu 2011, il-25 ta' Awwissu 2011 u d-29 ta' Settembru 2011 rispettivament u dwar id-dokumenti nieqsa li riedu jkunu ffinalizzati mis-Sur Karl Vella biex jiġu sottomessi lid-Direttorat Eko-Għawdex ħalli b'hekk il-Kunsill ikun jista' jingħata l-fondi għall-Installazzjoni ta' Fanali Dekorattivi u Enerġja Effiċċjenti. Fl-email, il-Kunsill talab ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jingħata parir u direzzjoni fuq numru ta' sejħiet ta' Offerti li kien ħareġ il-Kunsill u li għadhom pendenti minn żmien l-eks Segretarju s-Sur Karl Vella. Hawnhekk, is-Sur Horace Micallef talab li tintbgħatlu kopja ta' din l-email.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 7/2010 – Skema dwar Aċċessibilità Aħjar fil-lokalitajiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Bord tal-Evalwazzjoni ta' din l-iskema laqa' l-Applikazzjoni tal-Kunsill u li ser ningħataw is-somma ta' €2,900. Qal ukoll li hu kien attenda għal-laqgħa li saret fil-Kunsill tal-Pieta fejn ġew imqassma l-fondi ta' din l-iskema. Il-Kunsill qabel li jinbeda l-proċess u tinħareġ l-Offerta biex titneħħa l-bankina l-għolja li hemm fi Triq tal-Mulejja, 'l fuq mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

3.1.2 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012. Is-sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €7,000 biex ikun jista' jorganizza l-*Fontana Fireworks Festival*. Is-Sindku qal li hu kien attenda għall-laqgħa li saret fil-Kavallieri ta' San Ġakbu fejn ġew imqassma l-fondi tal-iskema tal-attivitajiet kulturali.

3.1.3 120/2011 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-Responsabbiltà ta' Librerija Lokali.

3.1.4 122/2011 – Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' postijiet Storiċi żgħar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li kien hemm dewmien ta' diversi ġimgħat biex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jingħata aċċess għall-*generic email account* tal-Kunsill, din l-applikazzjoni waslet biex tagħlaq. Għalhekk ippropona li jkellem lil min għandu xi niċċa jekk jixtieqx li tiġi rrestawrata u jekk jaqbel inkunu nistgħu mmexxu bl-applikazzjoni.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.1.5 02/2012 – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Marzu 2012)

3.1.6 03/2012 – Stedina

3.1.7 04/2012 – Linji Gwida għal Ħatra ta’ Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali. Il-Viċi-sindku s-Sur Anthony Borġ ippropona li l-Kunsill għandu jibda l-proċess għal ħatra ta’ Segretarju Eżekuttiv. Il-Membri l-oħra tal-Kunsill ilkoll qablu ma’ din il-proposta.

3.1.8 05/2012 – Spezzjonijiet mill-MCCAA fuq il-Playgrounds tal-Kunsilli Lokali

3.1.9 06/2012 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja

3.1.10 07/2012 – Struttura ta’ Riżorsi Umani mal-Kumitati Reġjonali.

**3.2 <u>Korrispondenza</u>**

3.2.1 AKL – Ċirkulari AKL 52/95; AKL 109/99 – Ħlas tal-Performing Right Society. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan il-ħlas.

3.2.2 AKL – Cirkulari AKL 52/95; AKL 4/97/2 – Group Health Policy. Il-Kunsill qabel li għandha tiġġedded din il-policy għall-Membri kollha u għal l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3.2.3 EBS/20111240 – Ittra minn Ms Emily Barbaro-Sant rigward il-Ktieb: Siltiet mill-Imgħoddi ta’ Ħajti. Il-Kunsill qabel li jinxtara dan il-ktieb li qed jingħata għal donazzjoni ta’ €13.

3.2.4 Dipartiment għal Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali – Il-proġett li kien applika għalih il-Kunsill biex jitnaddaf il-Wied tax-Xlendi u jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ, li jagħmel parti mil-kunfini tal-Kunsill, ġie magħżul u qed jingħata l-għajnuna ta’ €47,394.00. Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li f’Jannar intbagħtet ittra lid-Dipartiment biex is-*Savings* li kien hemm mill-Bini ta’ Replika tal-Għajn tal-Loġoġ jiġu ttrasferiti għal dan il-proġett iżda d-Diprtiment wieġeb li din it-talba ma ġietx milqugħa. Is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill ma kienx ikkwalifika mill-għoti tal-boroż tas-separazzjoni tal-iskart u tal-fanali *energy saving* u *environmentally friendly* peress li ma kienx baqa’ fondi disponibbli mis-€70,000 tal-Eko-Għawdex għat-toroq l-oħra tal-Fontana.

3.2.5 MEPA PA/07083/07 – *Initial Setting Out of Scheme Alignment*


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta’ Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.6 MEPA – *EPC Decisions*

3.2.7 Sister Ċelestina Ċini – Ittra ta' ringrazzjament lill-Membri tal-Kunsill li għoġbu jagħtiha Ġieħ il-Fontana.

3.2.8 MEPA – *The Environment Report Indicators 2009*

3.2.9 Standard Publications Limited – Avviż li l-Malta Independent on Sunday u l-Malta Independent Daily mhux ser jibqgħu jiġu offruti b'xejn.

3.3 **<u>Ilmenti:</u>**

3.3.1 Ilment minn Adrian Grima ta' 'St. Lawrence' Carolina Cauchi Street,Victoria Gozo fejn qed jilmenta il-għala l-fanal li hemm fi Sqaq Numru 1, għandu sticker/karta mwaħħla ma' genb minnhom li qed idallam ħafna l-isqaq u li l-fanal mhux qed jitnaddaf. Il-Kunsill qabel li għandha ssir ħġieġa matta jew inkella jogħla jew jersaq, iżda qabel inkellmu lis-Sur Raymond Zammit, li kien għamel l-isticker fuq parir tal-pulizija, biex naraw x'alternattiva oħra jista' jkun hemm biex l-isticker titneħħa u l-fanal ma jtellifx li l-camera li nstalla mal-propjeta tiegħu tkun tista' tibqa' tiġbed il-filmati.

3.3.2 Ilment minn Joseph Attard ta' Flat 2, Fontana View, Triq ta' Mulejja biex titranġa r-rampa tal-konkrit li tiżloq u minflok issir rampa tal-mantonċina u biex titkompla l-bankina fuq il-ġenb l-ieħor tar-rampa. Il-Kunsill qabel li din għandha tintbagħat lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

3.3.3 Il-Kunsillier Horace Micallef ilmenta li quddiem il-post numru 90, Triq il-Kappillan Ħili hemm tappiera tal-WSC li trid titranġa. Semma li kien diġa ressaq dan l-ilment xi żmien ilu u baqgħet ma saritx. Is-Sindku qal li għandna ngħidu lil Riolo biex jagħtina xkora *cool mix* u nirranġaw fejn hemm it-tappiera maqlugħa. Is-Sindku nforma li l-eks Joe Xiberras kien ġa kiteb lit-Taqsima tad-Drenaġġ u hi mniżżla fil-minuti preċedenti.

## 4. <u>***Budget*** **għas-Sena 2012**</u>

4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qassam lill-Membri kopja tal-Abbozz tal-*Budget* għas-sena 2012, li kien imħejji flimkien mas-Sindku, u s-Sindku nforma lill-Membri biex dan il-Budget jeħduh magħhom id-dar ħalli b'hekk ikunu jistgħu janalizzawh ftit u jressqu l-kummenti tagħhom fil-laqgħa segwenti fejn ser jiġi diskuss u approvat il-*Budget* 2012.

## 5. <u>**Għoti tal-Offerti**</u>


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.1 Rigward il-kuntratt ta' Twaqqiegħ tal-Bini Eżistenti u l-Bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, l-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li fuq parir verbali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, hu talab lill-kuntrattur biex jagħtih kopja tal-Offerta li kien tefa' u kopja tal-Kuntratt, kif ukoll talbu biex imur il-Bank mill-aktar fis u jagħmel il-*Performance Guarantee* peress li din ma kinitx saret minkejja li s-Sur Karl Vella kien qal li saret. Il-Kunsill ingħata kopja originali tal-*Performance Guarantee* datata 18 ta' Jannar 2012.

5.2 Sejħa għall-Offerti għall-Installazzjoni ta' Sistemi Fotovoltajiċi: L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li rċieva numru ta' emails mingħand il-Kumpanija ta' Frank Borda Ltd. dik il-kumpanija li ma kinitx ħallset id-depożitu ta' €50 meta ġabret id-dokument tal-Offerta fejn staqsew jekk jistgħux iħallsu d-depożitu issa. L-Aġent Segretarju wieġeb li l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u qed jistenna il-konferma mingħandu.

5.3 Rigward il-Kuntratt ma' Gatt Tarmac Ltd għall-patching bil-*hot asphalt*, ġie deċiż li wara li nirċievu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, għandna nkellmu lill-Perit biex naraw kif nistgħu immexxu.

5.4 Rigward is-Sejħa għall-Offerti biex isiru żewġ toroq bit-Tarmac, is-Sindku issuġġerixxa li ninnegozjaw prezz irħas mal-uniku kuntrattur li tefa' l-Offerta bħalma għamlu Kunsilli oħra u kif kien għamel l-istess Kunsill f'okkażżjoni preċedenti tal-Għajn tal-Loġoġ. Huwa nforma lill-Kunsill li minkejja li l-Perit ikarigat kien bagħat jistaqsi lid-Direttur tal-Gvern Lokali jekk dan jistax isir, dan sal-lum baqa' bla tweġiba, bil-konsegwenza li qed jintilef ħafna żmien biex jitwetttaq dan ix-xogħol.

5.5 Kwotazzjoni għal xogħlijiet ta' estensjoni għall-bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku: L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kienet intefgħet kwotazzjoni waħda biss li kienet 'l fuq minn €1,500 mill-istima li kien għamel il-perit Gordon Vella. Il-Perit Gordon Vella evalwa u ressaq ir-rapport tiegħu għal xogħlijiet ta' estensjoni għall-bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Il-perit stqarr li meta hu qabbel ir-rati li ġew sottomessi f'din il-kwotazzjoni mar-rati li hemm imniżżla fil-Kuntratt ta' Twaqqiegħ tal-Bini Eżistenti u l-Bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, rriżulta li kull rata sottomessi hi daqs jew inqas mir-rati li hemm fil-Kuntratt ġa eżistenti. Il-Perit kien imsejjaħ biex


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

jagħti spjegazzjoni waqt il-laqgħa u hu ikkonferma dak li kiteb fir-rapport u stqarr li kien għamel żball fl-istima u li għalhekk din l-Offerta kellha tingħata. Il-Kunsill għalhekk qabel li din is-sejħa għall-kwotazzjoni tingħata lil Kuntrattur Peter Paul Said u Anthony Vella.

5.6 *Kwotazzjoni għall-Installazzjoni ta' bozza fi Triq Mons. Mikiel Buttiġieġ*: L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva offerta waħda biss għal din il-kwotazzjoni. L-Inġinier Mario Galea li evalwa u ressaq ir-rapport tiegħu għal din il-kwotazzjoni, irrakkmanda li qabel tingħata l-offerta, il-kuntrattur għandu jikkjarifika x'tip ta' arblu u wires ser jintużaw, li kienet informazzjoni mitluba fil-kwotazzjoni. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa xi jfissru l-€11.80 fis-siegħa li niżżel il-Kuntrattur wara t-total u mnejn ser jieħu d-dawl. Rigward l-ewwel mistoqsija, is-Sindku qal li hu kien iċċara dan mal-Inġinier li spjegalu li dik hi ir-rata li biha ser jitħallas il-kuntrattur jekk ikun hemm xogħol ieħor relatat li mhux imniżżel fil-kwotazzjoni. Rigwar it-tieni mistoqsija, is-Sindku qal li għandna nieħdu l-parir tal-Inġinier.

5.7 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ is-sejħa għall-Offerti għal ġebel tal-qawwi biex isir il-wiċċ ta' fejn qed isir ix-xogħol fuq it-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, skond kif mitlub fil-permess tal-MEPA. Rigward id-distinzjoni li ser ikun hemm bejn iz-zuntier tal-Knisja u l-bejt taċ-Ċentru Ċiviku, tal-Kunsill, is-Sindku nforma lill-Membri li bejn iz-zuntier u l-bejt taċ-Ċentru Ċiviku ser isir *culvert* għall-ilma tax-xita u dan il-*culvert* ser ikun qed jiddistingwi bejn l-art tal-Knisja u dik tal-Kunsill.

## 6. <u>Mistoqsijiet</u>

6.1 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk hux possibli li l-fanal li hemm mal-propjeta ta' Mons. Rużar Borġ jistax jersaq ftit 'l isfel u jiġi installat ieħor mal-propjeta tal-familja Zammit. B'hekk it-triq tkun imdawla aktar. Is-Sindku wieġeb li għandna nistaqsu l-opinjoni tal-Inġinier peress li dawn ġew imqassma mill-Inġinier f'tulijiet indaqs.

6.2 Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa rigward l-ittra li ntbagħtet lil Transport Malta peress li ra stqarrija mill-Kunsill Lokali tar-Rabat fuq il-maltrightnow.com li s-Sindku qal li ġie avviċinat permezz ta' telefonata dwar din l-aħbar mil-Manager ta'


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Transport Malta, fejn infurmawh li bħala Transport Malta ma jaqbilx li jsir dan it-tibdil. Għalhekk ġie deċiż li niċċekkjaw ma' Transport Malta x'ser tkun ir-risposta u f'hiex waslu l-affarijiet.

6.3 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk hu flimkien mal-Kunsillier Victor Cefai kienux ser jingħataw is-*substistence allowance* relatat maż-żjara li huma, flimkien mas-Sindki u l-Viċi-Sindki l-oħra t'Għawdex kienu għamlu fi Brussel mill-20 sat-23 ta' Novembru 2011. Is-Sindku wieġeb li l-ewwel jeħtieġ li nistaqsu lid-Dipartiment jekk dan għandux jingħata u l-Viċi-Sindku wieġeb li hu dan kien staqsa dwar dan u bagħat l-email tal-konferma mid-Direttur tal-Gvern Lokali lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Il-Membri qablu li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai għandhom jieħdu s-*subsistence allowance*.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa ħlief għall-kont Numru 6 ta' Scerri and Bonello Advocates. Il-Kunsill qabel li jitħallas l-mill-ammont totali ta' €590 jitħallas biss l-ammont ta' €220 u l-bqija tal-kont jitħallas meta jibgħat bil-miktub in-nuqqasijiet li kien sab rigward is-sejħa għall-Offerti għall-ġbir ta' Skart Domestiku.

7.2 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Invoice li kien hemm pendenti mis-27 t'April 2011 tas-Sur Emmanuel Caruana issa kienet magħluqa peress illi l-Invoice tas-Sur Caruana kienet instabet qalb l-irċevuti u n-notamenti tas-Sur Karl Vella meta dan kien qiegħed jagħlaq il-files tiegħu, meta qabel kien qal li ma jafx b'dan.

## 8. Mozzjonijiet

Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 9. Materji Oħra

9.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi rigward il-Mistoqsija Parlamentari Nru. 30973 mill-Onor. Justyne Caruana rigward is-Sqaq tal-Lunzjata, Triq tal-Għajn – fuq il-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ħmieġ. Is-Sindku qal lill-Membri li wara saret ir-riċerka meħtieġa mill-eks Segretarju Eżekuttiv Joe Xiberras, li ġiet ikkonfermata mid-Dipartiment tal-Artijiet, il-Kunsill wieġeb li dan is-Sqaq huwa propjeta privata u għalhekk il-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel xogħol fi propjeta privata.

9.2 L-Aġent Segretarju nforma lill-Membri tal-Kunsill illi l-emails tal-Kunsill li kien hemm minn ta' żmien l-eks Segretarju Karl Vella u qabel huma nieqsa u għalhekk ġie deċiż illi nistaqsu lil tal-MITTS biex naraw jekk jistgħux jirkupraw l-offline.

9.3 Is-Sindku informa li saret ukoll l-attivita ta' Jum il-Fontana fejn saret quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-knisja parrokkjali u wara saret attivita soċjo-kulturali fis-Sala tal-Kommunita. Fost l-oħrajn kien hemm wirja ta'artiġġjanat, wirja ta' talent mil-Fontana u mill-inħawi mill-*Gozo Youth Wind & Orchestra* sar messaġġ tal-okkażżjoni mis-Sindku u ġie ppreżentat it-trofew ta' Ġieħ il-Fontana u l-midalja ta' Ġieħ il-Fontana lis-Sinjura Marija Schembri f'isem oħtha Sour Ċelestina Ċini li ma setgħetx tattendi.

9.4 Is-Sindku nforma li sar it-tiżjin tad-dawl tal-Milied fit-toroq Kardinal A. Franchi u J. Gaspard Le Merchant, flimkien ma' parti minn Triq il-Għajn. Informa wkoll li fl-okkażżjoni tal-Milied tqassmu 31 ikla lil dawk l-anzjani li jgħixu waħidhom.

9.5 Is-Sindku nforma lill-Membri li fil-bidu ta' Diċembru 2011 kien għamel żjara mal-Perit John Saliba fuq il-proġett tal-passaġġ bil-ġebla tal-qawwi li minn tarf Triq Għajn Tuta jwassal sa Wied il-Lunzjata. Dan biex jsir il-"Compliance Certifate" tal-MEPA u tkun tista' tinġabar il-garanzija bankarja. Informa wkoll li saret l-applikazzjoni lill-Enemalta biex jinxtegħlu l-fanali ta' Triq il-Qalb ta' Ġesu, Triq il-Għajn ħdejn ir-*railing* l-isfel mill-knisja u Pjazzja l-Għejjun. Is-Sindku nforma wkoll li kien sar il-kisi bit-tarmak tal-wiċċ ta' dik il-parti ta' Triq l-Isptar San Ġiljan fejn sar xoghol mill-Koperazzjoni tal-Ilma, skond ftehim milħuq mal-Kunsill.

9.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fis-7 ta' Diċembru 2011 saret il-ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna l-Kolleġġjata ta' Bormla fl-okkażżjoni tal-festa, ċ-Ċentru Kummerċjali fil-Fgura, ħin liberu f'Wied il-Għajn, u wara żorna t-Torri l-Aħmar fuq ir-riħ tal-Bajja tal-Għadira.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Attendew 30 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

9.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kompla jagħti x-xhieda tiegħu quddiem l-Assistant Ġudizzarju Dr. Aaron Attard Ħili dwar il-kawża Anthony Cassar vs il-Kumissarju tal-Artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Din ġiet aġġornata għal 15 ta' Frar 2012.

9.8 Is-Sindku nforma lill-Membri li nbeda u tlesta t-Taraġ li mill-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja jwassal sa Trejqet wara l-Idjar. Dan sar mill-Ministeru għal Għawdex fuq talba tal-Kunsill.

9.9 L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill illi s-Sindku kien għad baqgħalu biss madwar €75 lura xi jrodd lura mill-Honoraria żejda li kien ħa fl-2010. U għalhekk wara li ddiskuta mas-Sindku ġie deċiż illi s-Sindku jagħti ċekk pagabli lill-Kunsill b'dan l-ammont u b'hekk ikun jista' jerġa jibda jieħu l-*Allowance* dovut lilu minn Jannar tal-2012.

9.10 Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill irċieva ċekk ta' €1,000 mingħand il-Water Services Corporation għal *re-instatment of works.*

9.11 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi l-flus li l-Kunsill kien dovut li jieħu mingħand il-Kunsill Malti għall-Isports relatati mal-attivitajiet sportivi li saru fl-2011 kienu għadhom ma nġabrux u għalhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv attwali kien ser jagħmel it-talba għal dawn il-flus.

9.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm numru ta' affarijiet pendenti minn ta' żmien l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella rigward il-proġett ta' installazzjoni ta' fanali dekorattivi u enerġija effiċjenti li l-Kunsill kien ibbenefika minn skema maħruġa mid-Direttorat Eko-Għawdex, fosthom ir-rapporti tal-laqgħat tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-għoti tal-offerti. Is-Sindku qal li jekk dawn l-affarijiet ma jingħalqux mill-aktar fis possibli, id-Dipartiment tal-Eko-Għawdex infurmana li hemm il-possibilta li l-Kunsill jitlef il-fondi. Għalhekk ġie deċiż li tintbagħat email lis-Sur Karl Vella biex jagħlaq dawn l-affarijiet minnufih.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.13 Is-Sindku ppropona biex issir *stop sign* f'tarf Trejqet Grezzja Grima biex il-karozzi ma jibqgħux ħerġin sparati. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din id-deċiżjoni.

9.14 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li t-Taraġ f'tarf it-Triq ta' Mulejja għal Trejqet wara l-Idjar kien tlesta. Qal ukoll li ġiet irraġata u tlestiet il-bankina li tgħaqqad il-Belveder, ta' Triq ta' Mulejja mat-Taraġ. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

9.15 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li fl-ewwel nofs tax-xahar ta' Jannar 2012 ġiet ippublikata t-tlettax il-ħarġa ta' 'Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek' u ġiet imqassma f'kull dar. Din ġiet imħejjija mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

9.16 Il-Viċi Sindku, s-Sur Anthony Borġ staqsa lill-Aġent Segretarju biex l-ewwel ċans li jkollu iħejji rapport dwar il-Ġemellaġġ ma' Zafferana Etnea, simili għar-rapport li kien ħejja is-Sur Joseph Azzopardi, Segretarju Eżekuttiv tal-lokalita tax-Xagħra Għawdex.

9.17 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu kien attenda għall-inawgurazzjoni ta' ktejjeb fl-għeluq il-ħamsin sena tal-Kunsill Ċiviku li saret fil-Banca Giuratale fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex u tal-Ministru tal-Ġustizzja, Djalogu u Familja. Attenda wkoll il-laqgħa ta' kull xahar tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-Banca Giuratale.

9.18 Is-Sindku nforma li kienet saret spezzjoni minn rappreżentant tal-MEPA fuq il-kappella ta' San Ljun fi Trejqet ix-Xagħri.

9.19 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li saret l-applikazzjoni g]all-fondi skond skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mill-Kumitat Malti g]all-Isports biex ji[u organizzati attivitajiet sportivi.

9.19 Is-Sindku nforma li nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2012 inżammet il-Laqgħa Pubblika fis-Sala tal-Kommunità.

9.20 l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li Joe Mercieca, il-ħaddiem tal-Kunsill, ippreżentalu it-*time*-off li kien ħadem meta fetaħ u qgħad mal-Wirja ta' Arti u Talent mill-Fontana li ttelgħet fl-okkażżjoni ta' Jum il-Fontana. Dan jammonta għal 20 siegħa u nofs. Il-membri tal-Kunsill qablu.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.21 Is-Sindku nforma li s-Sotto-Kumitat tal-Attivitajiet Kulturali li qed jieħu ħsieb tal-organizazzjoni tal-Fontana Fireworks Festival li hu ppjanat li jsir nhar is-16 ta' Ġunju 2012, li hu magħmul mis-Sur Saviour Borg, Sindku, mill-Kunsillier Horace Micallef u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, iltaqa' bosta drabi u kellu laqgħa mal-Kappillan, laqgħa ma' Joseph Muscat, rappreżentant tad-dilettanti tan-nar li ser jinħadem fil-kamra 15 t'Awwissu u hemm ippjanat li ssir laqgħa ma' Ġużepp Ċini, rappreżentant tal-Għaqda Qalb ta' Ġesu.

9.22 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill biex jinxtraw 40 xitla tal-istella maris biex jitħawwlu ħdejn il-*Bring in Sites* fi Triq ta' Mulejja u jeħtieġ li jinxtara fertilizzant, flixkun tal-bexx u mqass taż-żebra għall-użu tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

9.23 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li hu kien irċieva tlett kwotazzjonijiet għal xogħol ta' Accounting għall-Kunsill li ser jingħata permezz ta' offerta diretta. Il-kwotazzjonijiet miġbura kienu dawk ta' Johanna Caruana, Mizzi Financials u Pauliana Said. Il-Viċi Sindku, s-Sur Anthony Borg talab li jiġi skuzat u rtira mill-Kamra peress li kellu kunflitt ta' nteress f'din id-diskussjoni. L-Aġent Segretarju nforma li l-offerti li rċieva, inkluż il-VAT, kienu hekk: Mizzi Financials: €495; Johanna Caruana: €500 u dik ta' Pauliana Said: €604. Il-Kunsilliera Lorry Apap u Victor Cefai issuggerew li għandna nistaqsu jekk ta' Mizzi Financials, li kienet l-irħas offerta, għandhomx esperjenza ta' Accounting tal-Kunsilli. Jekk iva, il-Kunsill tal-Fontana kellu jqabbad lilhom biex jagħmlu l-*Accounting* tal-Kunsill, u jekk le, il-Kunsill kellu jagħżel lil Johanna Caruana, li anke kienet tagħmel dan ix-xogħol tal-Kunsill fis-snin preċedenti.

9.24 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Laqgħa Annwali tal-Pubbliku saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2012 għar-ruġuni li nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2011 il-Kunsill kien mingħajr Segretarju Eżekuttiv u għalhekk ma setgħets issir il-Laqgħa.

9.25 Is-Sindku qal ukoll li flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv għamlu l-i*State of the Heritage Report* li kellu jsir sal-31 ta' Jannar 2012.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar is-16 ta' Frar 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph Farrugia | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555